**ĦRUĠ TA' INGOTT TAL-FIDDA KOMMEMORATTIV MIL-LOMBARD BANK**

Il-Lombard Bank ħabbar li qed joħroġ Ingott tal-Fidda f’edizzjoni limitata, sabiex ifakkar id-dħul ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea.

L-Ingott, li nħadem fl-Isvizzera minn Fidda Mastizz 999, jiżen 100 gramma u d-daqs tiegħu huwa ta’ 35mm x 60mm x 5mm ħxuna. Kull Ingott fih numru uniku w individwali, huwa mbullat u qiegħed jiġi ppreżentat b’ Ċertifikat t’Awtentiċità f’kaxxa tal-okkażjoni. Dan il-ħruġ huwa limitat biss għal 2,000 Ingott, kollha ta’ kundizzjoni Brilliant Uncirculated. L-Ingott jinbiegħ għall-prezz ta’ Lm20, u l-Bank ikkommetta ruħu li jagħti Lm1 lill-karita għal kull Ingott li jinbiegħ. Il-Lombard Bank vara wkoll web-site - www.maltacoins.com - għal din l-okkażjoni.

Bil-ħruġ ta’ dan l-Ingott tal-fidda l-Bank qiegħed jibda attività ġdida f’dik li hija l-produzzjoni u marketing ta’ ħarġiet kommemorattivi ta’ metalli ta’ valur. Huwa l-ħsieb tal-Bank li jkun hemm aktar minn dawn fil-futur, bl-għan prinċipali jibqa dejjem li jitfakkru avvenimenti mportanti fl-istorja ta’ Malta.